MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 460/2006

**Fl-Atti ta' l-Ittra Uffiċjali tas-26 ta' April, 2006, fl-ismijiet:**

**ROHAN MOTORS LIMITED**

**vs**

**CURTIS RENT-A-CAR LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq mill-kumpannija Curtis Rent-A-Car Ltd. fit-22 ta' Mejju, 2006, li bih l-istess soċjeta' rikorrenti opponiet għall-eżegwibilita' tal-imsemmija ittra uffiċjali għall-finijiet tal-art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li ppremettiet;

Illi l-esponenti ai termini ta’ dak provdut fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta qegħdin jopponu l-esekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra uffiċjali hawn fuq indikata u dana għar-raġunijiet hekk kif ġej:

1. Illi in linea preliminari l-esponenti qed jeċepixxu n-nullita tal-kambjali in kwistjoni li ma tista’ qatt tiġi resa esekuttiva stante l-imsemmija kambjala ma ġietx iffirmata mill-kredituri u ċioe’ minn min ħareġ tali kambjala. F’dan ir-rigward l-esponenti jagħmlu riferenza għall-Artikolu 123 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta’ Malta minn fejn joħroġ ċar li element essenzjali ħalli kambjala tkun valida huwa li din tkun iffirmata mitt-traent. Għalhekk tali kambjali huma nulla u bla effett.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati nsotrali li element essenzjali ta’ kambjali hija li tkun iffirmata “ad validatatem” mit-traent. Id-dispożizzjoni tal-Liġi hawn fuq ċitata tagħmilha ċara li l-kambjala trid tkun iffirmata minn min jiġbidha. (Fuq dan il-punt ara sentenza fl-ismijiet “*Edward Vinċenti Kind vs. Carmelo Abdilla et”* deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-5 ta’ Ottubru 1954; “W*alter Zammit vs. Pio Callus”* deċiża fid-9 ta’ Settembru 1981 mill-Qorti tal-Kummerċ; “*Antonio Mifsud et vs. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et noe”* deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar id-29 ta’ Novembru 1974; “*Alfred Calascione noe vs. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et noe”* deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar id-29 ta’ Novembru 1974; “*Henry A. Pace vs. Joseph Azzopardi”* deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta’ Ottubru 1964 u “*Phoenix Domestic Appliances Limited vs. Joseph Vassallo”* deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta’ April, 2001.

Għalhekk il-mittenti ma setgħu qatt jipprevalixxu mid-dispożizzjoni kkontemplata fil-Liġi ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Illi inoltre l-ammont mhux dovut kollu stante li s-soċjeta’ rikorrenti diġa rritornat seba’ vetturi u għalhekk se mai l-valur tagħhom kellu jitnaqqas mill-ammont pretiż u jiġi ritornati l-kambjali mħallsa, ħaġa li s-soċjeta’ Rohan Motors Limited għadha qed tirrifjuta li tagħmel.

3. Illi għalhekk l-imsemmija ittra uffiċjali hija ċertament intempestiva għall-aħħar.

4. Illi per konsegwenza l-esponenti jħossu li dawn huma raġunijiet gravi u validi skond il-Liġi ħalli din il-Qorti tissospendi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjalijiet.

Rat it-Tweġiba mressqa mill-mittenti intimata Rohan Motors Ltd. fis-6 ta' Ottubru, 2006, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li t-talbiet tar-rikorrenti ma messhomx jintlaqgħu;

Rat in-Nota mressqa mis-soċjeta' intimata fl-21 ta' Novembru, 2006, (fol 44) li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' intimata, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------